MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' April, 2013

Numru. 786/2011

**Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**
**vs**
**Geoffrey Montebello**
**Peter John Montebello**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Geoffrey Montebello ta' 39 sena, bin Spiridione u Teresa nee' Bonnici, imwieled Pieta' fit-3 ta' Gunju 1972, residenti f'29 il-Harruba, Triq ir-Razzett l-Ahmar, l-Iklin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 256772(M) u l-imputat Peter John Montebello ta' 48 sena, bin Spiro u Tessie nee' Bonnici, imwieled British Colombia, Kanada fil-31 ta' Dicembru 1962, residenti f'Ghall-Kwiet, Triq il-Luq, l-Iklin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 645281(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

F’dawn il-Gzejjer, bejn April 2008 u Settembru 2008, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkorrompew lil Emanuel sive Noel Borg Hedley, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku ;

B’hekk saru recidivi a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 10 ta’ Ottubru 2006.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-24 ta’ Frar 2011 (inserita a fol. 119 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 18 u 115(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-artikoli 17, 30, 31, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tas-27 ta’ April 2012 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li jirrigwardaw dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-5 ta’ Novembru 2010 sar rapport lil Economic Crimes Unit fi hdan il-Pulizija Ezekuttiva minn Gordon Pisani li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta’ Head of

Communications fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn infurmahom li kienu qed isiru allegazzjonijiet mill-media li persuna li kien jokkupa l-kariga ta' segretarju privat ta' dak iz-zmien Ministru tal-Finanzi Tonio Fenech kien ircieva flus minghand il-kuntratturi l-ahwa Montebello, l-imputati fil-kawza odjerna, sabiex jintervjeni fuq spezzjonijiet li kienu jsiru mid-Dipartiment koncernat sabiex jigi stabbilit il-valur ta' propjeta' meta jkun hemm trasferiment. Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija[1] rrizulta li l-persuna li kienet qed issir referenza ghaliha kien certu Noel Borg Hedley li kien jokkupa l-kariga ta' segretarju privat fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi u kien jamministra l-finanzi. Mill-provi fil-fatt irrizulta li bejn id-19 ta' April 2004 u t-23 ta' Lulju 2008 Borg Hedley kien jahdem fis-secretariat tal-Ministru Tonio Fenech fejn l-ewwel kellu l-kariga ta' kordinatur u sussegwentement beda jokkupa l-kariga ta' segretarju privat tal-Ministru. Meta Borg Hedley gie nterrogat mill-Pulizija huwa kkonferma li kien jaf lill-imputati fil-kawza odjerna u li sar jafhom tramite l-Ministru waqt ftuh ufficjali ta' ground tal-futbol f'Birkirkara. Huwa kien ikkonferma wkoll mal-Pulizija li fil-perijodu li kien jokkupa l-kariga ta' segretarju privat tal-Ministru Fenech kien ircieva numru ta' cekkijiet minghand l-ahwa Montebello fejn uhud minn dawn ic-cekkijiet kienu jirrigwardaw pagamenti ghal-ikliet ta' fund raising organizzati mill-Ministru, fejn cekkijiet ohra kienu donazzjonijiet lil Partit Nazzjonalista u cekkijiet ohra kienu jirrigwardaw pagamenti li saru lilu personalment bhala apprezzament ta' xogholu. Borg Hedley kien stqarr mal-Pulizija li dawn ic-cekkijiet, hlief dawk intizi sabiex jiffinanzjaw lil Partit Nazzjonalista, kienu jinhargu f'ismu u huwa kien isarrafhom u jinforma lil Ministru kemm bil-flus li kien jircievi kif ukoll bil-hlasijiet li kien jaghmel ghall-attivitajiet organizzati mill-Ministru. Borg Hedley izda qal lil Pulizjia li huwa ma kien qal xejn lil Ministru dwar ic-cekkijiet li rcieva f'ismu personali bhala apprezzament tax-xoghol tieghu fil-funzjoni ta' ufficjal pubbliku fi hdan il-Ministeru fejn huwa kien jaghti feedback fuq il-process ta' applikazzjonijiet ghal capital transfer duty rigward

[1] Vide xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' a fol. 16 et sequitur tal-atti processwali.

valuations ta’ propjeta’ mibjugha. Borg Hedley izda stqarr mal-Pulizija li huwa qatt ma nterferixxa fix-xoghol ta’ min kien jaghmel il-valuations u dawn il-verifici li kien jaghmel kienu jiffurmaw parti minn xogholu fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi.

Mill-provi rrizulta li l-imputati ghaddew erba’ cekkijiet li kienu jikkostitwixxu pagamenti personali lil Borg Hedley u dawn kellhom in-numri 1970 (datat 23.4.2008 fl-ammont ta’ €500), 2126 (19.6.2008 fl-ammont ta’ €500), 2222 (datat 30.7.2008 fl-ammont ta’ €500) u 2298 (datat 21.09.2008 fl-ammont ta’ €500) u jinsabu esebiti in atti a fol. 55 u 56 u huma mmarkati bhala Dok. RA1 u Dok. RA2. Dawn ic-cekkijiet gew esbeiti minn Romwald Attard ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta’ Novembru 2011. Dan ix-xhud spjega li dawn ic-cekkijiet inhargu mill-kont bankarju bin-numru 40013820321 f’isem il-kumpanija JPM Brothers Limited (C31612) fejn il-firmatarji tal-kont huma l-imputati fil-kawza odjerna u qal li c-cekk bin-numru 1970 gie depozitat f’bank iehor filwaqt li c-cekkijiet bin-numri 2126, 2222 u 2296 gew depozitati fil-kont bankarju tal-kumpanija Fexerv Financial Services li qabel kellha l-isem ta’ Fexco Financial Services. Audrey Ghigo ir-rapprezentant tal-HSBC Bank (Malta) plc li wkoll xehdet waqt l-udjenza tal-10 ta’ Novembru 2011 ikkonfermat li c-cekk tal-Bank of Valletta bin-numru 1970 gie depozitat fil-kont ta’ Noel Borg Hedley fil-25 ta’ April 2008. Mill-provi rrizulta wkoll li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti ta’ Noel Borg Hedley fejn huwa gie akkuzat bir-reat ta’ korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115(a) tal-Kodici Kriminali fejn huwa ammetta ghal din l-imputazzjoni u gie misjub hati permezz ta’ sentenza tal-11 ta’ Mejju 2011.[2] Meta l-imputati gew interrogati mill-Pulizija rigward dak allegat minn Noel Borg Hedley[3] huma ma nnegawx li kienu ghaddew ic-cekkijiet in dizamina lil Borg Hedley izda sostnew li dawn ic-cekkijiet kienu intizi sabiex jiffinanzjaw attivitajiet politici u nnegaw li uhud mic-cekkijiet li kienu jghaddu lil Borg Hedley kienu jikkostitwixxu pagament

---

[2] Kopja tas-sentenza relattiva tinsab inserita a fol. 110 et sequitur tal-atti processwali.

[3] Stqarrijiet relattivi jinsabu inseriti fol. 25 sa 29 tal-atti processwali.

ghax-xoghol li Borg Hedley kien jaghmlilhom fil-kwalita' tieghu ta' segretarju tal-Ministru Tonio Fenech. Ghalkemm huma qalu li Borg Hedley qat ma ghamlilhom xoghol ikkonfermaw li gieli kellmuh fuq xi objections li kienu jintavolaw mad-Diprtiment tal-Capital Transfer Duty.

Ikkunsidrat:

Illi Noel Borg Hedley xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru 2011 fejn ikkonferma li kien ircieva ic-cekkijiet immarkati bhala Dok. RA1 U RA2 minghand l-imputati bhala ringrazzjament tax-xoghol tieghu izda ma specifikax x'kien ix-xoghol u meta gie mistoqsi ghalfejn kien jacceta c-cekkijiet huwa rrisponda "L-anqas naf emmini ma nafx'. Huwa kkonferma li c-cekkijiet li gew depozitati fil-kont ta' Fexco Financial Services kien utilizzahom hu sabiex jixtri US Dollars meta kien ser isiefer l-Amerika. Huwa kkonferma wkoll li kien waqaf jahdem mal-Ministeru tal-Finanzi fit-23 ta' Lulju 2008. Borg Hedley qal ukoll li kumplessivament ircieva madwar €2,000 minghand l-imputati bhala sinjal ta' gratitudni jew ringrazzjament.

Ikkunsidrat:

Illi min-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta li l-imputati qed jigu akkuzati bir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u huwa jindika li tista' tinstab htjia taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18 u 115(a) tal-Kodici Kriminali. Illi min ezami tal-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali jirrizulta li l-elementi bazici li jridu jigu pruvati sabiex jista' jitqies li jissussisti r-reat ta' korruzzjoni huma kumplessivament erba' u cioe':-

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impjieg tal-persuna ikkoncernata.

2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.

3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.

4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: *"The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. … It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed."*

Illi l-Artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:

*"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."*

Mix-xhieda ta' Anthony Zammit mill-Human Resources Public Administration fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar 2012 u mid-dokument minnu esebit[4] jirrizulta li Noel Borg Hedley kien impjegat bhala Segretarju Privat fl-Ministeru tal-Finanzi bejn id-19 ta' April 2004 sat-23 ta Lulju 2008. Illi ghalhekk ma hemmx dubju li Borg Hedley gie mahtur mill-Gvern sabiex jesegwixxi dmir pubbliku u li l-ewwel rekwizit gie ampjament ippruvat.

It-tlett rekwiziti l-ohra tar-reat ta' korruzzjoni huma li l-ufficjal pubbliku ikun ircieva jew accetta flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il-

[4] Inserit a fol. 107 tal-atti processwali)

ligi, li dan ikun in konnessjoni mal-istess kariga jew impjieg u li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu jew taghha. Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha fuq ix-xhieda ta’ Noel Borg Hedley. Filwaqt li dan tal-ahhar ikkonferma li huwa kien ircieva l-erba’ cekkijiet in dizamina minghand l-imputati huwa izda jghid li rcieva dawn il-flus bhala ringrazzjament u cioe’ bhala apprezzament tax-xoghol tieghu. Huwa meta gie specifikatament mistoqsi mill-Prosekuzzjoni “Allura ghalfejn kont taccettahom, Int stess ghedtli staqsejthom ghalfejn?” irrisponda “Lanqas naf emminni ma nafx’. Id-Difiza tikkontendi li f’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li saret l-offerta u l-weghda tal-hlas qabel ma Borg Hedley ghamel dak li kien fil-mansjonijiet tieghu li jaghmel. Id-Difiza hija korretta meta tghid li fis-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. Dan il-punt gie stabbilit mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza tal-20 ta’ Mejju 2010 fil-kawza fl-ismijiet Rep. vs Noel Arrigo’ fejn intqal is-segwenti:-

*“Issa, bhalma korrettement osservat l-ewwel Qorti, l-accettazzjoni trid tkun saret qabel, u mhux wara, li jkun sar in-nuqqas tal-qadi tad-dmir, u hija bizzejjed l-accettazzjoni tal-weghda jew offerta u mhux ukoll il-hlas ta’ dak li jkun gie mwieghed jew offrut.”*

L-istess haga tinghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tat-28 ta’ Marzu 2012 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Liliana Galea’ fejn intqal is-segwenti:-

*“Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. David Gatt moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta’ Novembru 2011, differentement mill-posizzjoni fil-ligi Taljana, taht il-ligi taghna “sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta’ l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta’ ufficjal pubbliku wara li dan ta’ l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur*

*Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done.'"*

Fil-kaz in ezami ma ngabitx prova konkreta u cara li l-imputati kienu weghdu lil Borg Hedley u li huwa kien accetta offerta ta' pagament sabiex jaghmel xogholu. Irrizulta biss li Borg Hedley ircieva pagamenti bhala ringrazzjament wara li kien ghamel xogholu. Huwa rilevanti li jigi nnutat li tnejn mill-erba' cekkijiet li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna saru wara li Borg Hedley kien irrizenja mill-impjieg tieghu mal-Ministeru tal-Finanzi. Fil-fatt cheques numru 2222 u 2296 saru fit-30 ta' Lulju 2008 u fit-21 ta' Settembru 2008 rispettivament meta l-imputat irrizenja mill-impjieg tieghu mal-Ministeru tal-Finanzi fit-23 ta' Lulju 2008. Ghalkemm din il-Qorti fliet bir-reqqa kollha dovuta ix-xhieda ta' Noel Borg Hedley minn imkien ma jirrizulta li qabel ma ghamel xogholu kien hemm xi weghda min-naha tal-imputati li kien ser isir il-hlas ghax-xoghol li kien ser jaghmel jew li kien hemm xi accettazzjoni da parti ta' Borg Hedley ta' tali weghda jew offerta. Ma hemmx dubju li Borg Hedley zbalja meta accetta il-flus bhala ringrazzjament u forsi huwa kellu jigi akkuzat b'reat iehor u mhux bir-reat ta korruzzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs Lilian Galea u cioe' li *'sabiex jissussisti dan ir-reat (u cioe' r-reat ta' korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115) m'hemmx dubju li jrid ikun hemm ukoll "il concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto". Din il-prova hi kompletament nieqsa. Jista' jkun hemm suspett izda s-suspett mhux prova u l-htija ma tistax tigi bazata fuq il-kongetturi. Inoltre l-appellanti fix-xiehda taghha ssostni illi r-rigal li taha zijuha kien amalgamazzjoni ta' kollox: is-servigi li rrendietlu, il-birthday taghha li kien f'Dicembru u l-Milied. Mill-provi fil-fatt minn imkien ma jirrizulta illi dak li setghet ghamlet l-appellanti ghamlitu ghax talbet, irceviet jew accettat rigal. Kull ma jirrizulta mill-provi hu li dak li kienet qed taghmel ghamlitu sabiex taqdi lil zijuha, u dan billi*

*tevitalu l-kjuwijiet u billi zzommu aggornat, meta jitlobha, dwar jekk kellux returns neqsin. M'hemmx dubju li l-appellanti, bhala impjegata pubbliku, ma kellhiex dritt taccetta rigal ghal dawn il-prestazzjonijiet, izda hawn m'ghandniex ir-reat ta' korruzzjoni izda semmai reat differenti li bih ma gietx akkuzata."*

Fil-kaz odjern ghandna sitwazzjoni fejn mix-xhieda ta Noel Borg Hedley jirrizulta li huwa kien sorpriz bil-hlas li sarlu u jghid lli l-anqas biss kien jaf ta x'hiex kien dan l-hlas u ghalhekk ma jistghax jinghad li ngabet il-prova li kienet saret xi weghda mill-imputati u li tali weghda giet accettata minn Borg Hedley qabel ma dan tal-ahhar ghamel dak li suppost kellu jaghmel fil-kwalita' tieghu ta' ufficjal pubbliku. Ghal din ir-raguni r-reat ta' korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali ma jistghax jitqies jirrizulta pruvat.

Ghal kull buon fini jrid ukoll jigi rilevat li l-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu naqas milli jindika li tista' tinstab htija taht l-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali u cioe' l-Artikolu li jipprovdi lil min jikkorrompi lill-ufficjal jew impjegat pubbliku jitqies bhala komplici u jistabbilixxi l-piena relattiva u ghalhekk li kieku ghal grazzja tal-argument kellu jigu meqjus li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex tinstab htija taht l-Artikolu 115 il-Qorti kienet tkun prekluza milli ssib htija ghaliex l-Artikolu 120 ma giex indikat mill-Avukat Generali u l-Qorti hija marbuta bl-artikoli tal-ligi ndikati mill-istess Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------